# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 5 ta' Diċembru 2023**

**Appell numru 193/2018**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Charles SPITERI**

Il-Qorti rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar is-16 t'April 2018 fil-konfront ta' Charles SPITERI (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 2074M) fejn ġie mixli talli (in suċċint):

   i) nhar id-disa' ta' Mejju 2015 għall-ħabta tas-1330 fil-fabbrika Dolphin Industrial Services Ltd u/jew DIS Group of Companies u/jew soċjetajiet sussidjarji tagħha, ġewwa l-Qasam Industrijali ta' Kordin, Paola ikkommetta tentattiv ta' serq kwalifikat bil-mezz u valur li jaqbeż l-elfejn tliet mija disgħa u għoxrin euro sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37);

   ii) nhar is-sitta ta' Mejju 2015 u/jew fix-xhur ta' qabel fil-fabbrika Dolphin Industrial Services Ltd u/jew DIS Group of Companies u/jew soċjetajiet sussidjarji tagħha, ġewwa l-Qasam Industrijali

ta' Kordin, Paola ikkommetta serq kwalifikat bil-mezz u valur li jaqbeż l-elfejn tliet mija disgħa u għoxrin euro sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37);

iii) volontarjament ikkaġuna ħsara volontarja ta' iżjed minn elfejn tliet mija disgħa u għoxrin euro sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37) għad-dannu ta' Industrial Services Ltd u/jew DIS Group of Companies u/jew soċjetajiet sussidjarji;

iv) irrenda ruħu reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, filwaqt li sabet lill-imputat appellant mhux ħati tat-tieni, tielet u raba' imputazzjonijiet u minnhom illiberatu minn kull ħtija u piena filwaqt li sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni u ikkudannatu għall-piena ta' sitta u erbgħin xahar priġunerija; poġġietu taħt ordni ta' trattament għal żmien sentejn biex isegwi programm għar-rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga filwaqt li kkundannatu jħallas l-ispejjeż peritali.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi SPITERI appella minn din is-sentenza fejn talab lil din il-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni u dan billi tiddikjarah mhux ħati ta' din l-imputazzjoni u konsegwentement tilliberah minn kull ħtija u piena; alternattivament tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena ta' priġunerija nflitta u billi minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ u dan wara li ppremetta illi l-ħtija tiegħu kienet imsejsa fuq il-fatt li
   i. huwa kien instab fil-fabbrika de quo f'ċirkostanzi allegatament suspettużi;
   ii. il-verżjoni tal-parte lesa kienet kontradittorja f'diversi aspetti tagħha kif dettaljat fl-appell;
   iii. minbarra l-appellant fl-akkwati kien hemm ukoll karozza oħra li kienet dehret suspettuża imma li ma ttieħdet ebda azzjoni fir-rigward tal-okkupanti tagħha;
   iv. il-parte lesa ma rawx lill-appellant jisraq xi effetti mobbli mill-fabbrika de quo;

v. l-appellant kien dejjem konsistenti mal-verżjoni li huwa kien mar fejn il-fabbrika wara li kien semgħa xi għajjat ta' xi ħadd li deher li kien muġugħ;
vi. il-piena erogata kienet fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ eċċessiva u sproporzjonata meta mqabbla mal-fatti u r-reat li tiegħu ġie misjub ħati.

**D. IL-PARTI ĠENERALI**

4. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni. Ir-rwol tagħha huwa li tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Din il-Qorti ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta din tkun għamlet apprezzament korrett tal-provi li jkunu inġiebu quddiemha. Dwar l-irwol ta' din il-Qorti bħala Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Emanuel ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal hekk:

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan** et, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

5. Għalhekk bħala regola[2] din il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tagħmilx evalwazzjoni ġdida tal-provi u tiddeċiedi l-każ hi mill-ġdid b'mod li tissostitwixxi dak ix-xogħol li tkun għamlet il-Qorti tal-Maġistrati qabilha. Il-Liġi timponi l-obbligu fuq il-Qorti tal-Maġistrati li tagħmel l-analiżi tal-provi u tal-argumenti legali fil-kawża biex imbagħad tkun dik il-Qorti li tasal għall-konklużjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew mhux ħati tal-imputazzjonijiet li jkunu inġiebu għall-ġudizzju tagħha. Imbagħad jekk xi parti tħossha aggravata minn dik is-sentenza, il-Liġi tipprovdi r-rimedju ta' reviżjoni ta' dik is-sentenza quddiem din il-Qorti. Għalhekk bħala regola, ir-rwol ta' din il-Qorti mhux dak li tissostitwixxi x-xogħol li tkun għamlet il-Qorti tal-Maġistrati iżda li tirrevedi x-xogħol li jkun sar minn dik il-Qorti biex tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx, legalment u raġonevolment, tasal għall-konklużjonijiet li tkun waslet għalihom. Din il-Qorti tagħmel dan billi tistħarreġ hi stess il-provi li jkunu inġiebu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u l-argumenti li jkunu saru quddiemha. Tant hu hekk li huwa biss f'każijiet eċċezzjonali li din il-Qorti tista' taċċetta li jiġu prodotti provi ġodda fi stadju ta' appell.[3]

6. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, **<u>anke jekk in bażi tal-istess provi din il-Qorti setgħet tasal għal konklużjonijiet differenti</u>**, din il-Qorti xorta ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, u waslet għal konklużjoni jew waħda mill-konklużjonijiet li hija setgħet legalment u raġonevolment tasal għalihom in bażi għall-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha u allura tkun waslet għal konklużjoni li fiċ-ċirkostanzi tal-każ kienet korretta jew waħda mill-konklużjonijiet korretti li setgħet tasal għalihom, din il-Qorti ma tkunx tista tibdel dik il-konklużjoni sempliċiment għaliex ma tkunx taqbel magħha għax kienet

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.
[3] U dan biss fil-parametri tar-restrizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 424 tal-Kodiċi Kriminali.

konklużjoni differenti minn dik li din il-Qorti kienet tasal għaliha li kieku kienet qed tiddeċiedi hi l-każ.

7. Apparti minn hekk il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Biex il-konklużjoni tal-Qorti tal-Maġistrati tkun tista' tiġi mibdula fl-istadju tal-appell, din il-Qorti trid tkun konvinta li, in bażi għall-provi u l-argumenti legali li tresqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, dik il-Qorti ma tkunx setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet in kwantu bħala riżultat ta' dawk il-provi il-konklużjoni li tkun waslet għaliha l-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx tkun dik jew waħda minn dawk li tkun waslet għalihom. Dan allura jfisser li biex din il-Qorti tkun tista' tirrevedi jew tibdel dik il-konklużjoni jkun irid jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati tkun b'xi mod żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha. Huwa frott ta' dan l-iżball li jkun sar mill-Qorti tal-Maġistrati li allura jagħti lok lil din il-Qorti tqis li ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet li jkunu ġew milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. F'dak il-każ allura ma jkunx jista' jingħad li l-Qorti tal-Maġistrati tkun setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha biex b'hekk, din il-Qorti bħala Qorti tal-Appell Kriminali u allura qorti ta' reviżjoni jkollha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[4]

8. Issa l-Liġi tafda primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi u l-ġudizzju dwar jekk l-imputat huwa ħati jew mhux ħati tal-imputazzjonijiet li jkunu ġew miġjuba kontra tiegħu. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, in kwantu tkun il-Qorti ta' ġurisdizzjoni dwar il-meritu tal-

[4] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

każ partikolari, tkun fl-aħjar qagħda li tqis u tevalwa l-provi kollha għaliex, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Dik il-Qorti hija fdata bl-irwol li tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li bħala regola din il-Qorti – in kwantu hija Qorti ta' reviżjoni – ma jkollhiex l-opportunita li tagħmel.

9. U minn dan joħroġ kemm huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi, apprezzament tax-xiehda u l-eventwali deċiżjoni fil-meritu dwar il-ħtija tal-imputat f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. U huwa għalhekk ukoll li dan l-eżerċizzju li jsir minn dik il-Qorti fih responsabilita kbira; u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, b'mod li allura dak l-eżerċizzju ta' analiżi u skrutinju ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq. Kif spjegat iżjed il-fuq jiġi disturbat meta din il-Qorti ta' reviżjoni tara li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati ma tkunx waħda minn dawk li legalment u raġonevolment setgħet tasal għalihom.

10. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn dik il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-Appell ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs. Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti ta' appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti:

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

11. Biex tagħlaq fuq dan il-punt, din il-Qorti tirreferi għall-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiż nhar is-7 ta' Marzu 2002 fejn dwar l-irwol aħħari ta' din il-Qorti tal-Appell bħala qorti ta' reviżjoni tas-sentenżi tal-Qorti tal-Maġistrati intqal li:

> F'dan l-ezercizzju pero' din il-Qorti ser issegwi l-insenjament ta' din il-Qorti diversament preseduta u dik tal-Qorti tal-Appell Kriminali minn appelli mill-Qorti Kriminali u cioe' li il-funzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti mhux li terga taghmel gudizzju mill-gdid fuq il-kaz partikolarment ghal dak li jirrigwarda il valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-kaz, imma biss li tillimita ruha li tara jekk id-decizjoni tal-ewwel Qorti hix "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bazi tar-rizultanzi fil-prim'istanza. Mhux bizzejjed li din il-Qorti jista' jkollha opinjoni differenti mill-ewwel Qorti ghal dak li jirrizulta mill-provi, ghax, jekk l-ewwel Qorti setghet ukoll xorta wahda tasal ghad-decizjoni li waslet

ghaliha fuq il provi li kienu quddiemha, mhux il-funzjoni ta' din il-Qorti li tissostiwixxi tali decizjoni bid-decizjoni taghha.

## E. IL-KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

12. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għamlet apprezzament dettaljat tal-provi prodotti quddiemha inkluż billi għamlet stħarriġ tal-imġieba tax-xhieda li xehdu quddiemha u waslet ukoll għall-konklużjonijiet tagħha dwar lil min temmen u safejn temnu. Wara li din il-Qorti stħarġet il-provi prodotti tqis li dik il-Qorti setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li tqis il-verżjoni tal-parte lesa bħala li kienet iżjed ta' min jorbot fuqha minn dik mogħtija mill-appellant. Kif rilevat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) l-appellant ma forniex verżjoni tal-fatti li kienet tista' titqies kredibbli biżżejjed sal-grad tal-probabbli.

13. Huwa minnu li l-verżjonijiet tal-parte lesa ma kienux jaqblu perfettament. Din il-Qorti rat li Louis Farrugia kien attent ħafna biex kemm jista' jkun ma jitfax dellijiet fuqu u l-imġieba tiegħu kif ukoll li jtaffi l-involviment ta' ibnu Daniel f'dan il-każ. Mill-banda l-oħra Daniel Farrugia kien deher iżjed konvinċenti fil-verżjoni tal-fatti li ta, tant li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) stess ħasset il-ħtieġa li tenfasizza dan il-punt. Għalkemm hemm ċerti dettalji li ma jaqblux b'mod preċiż fil-verżjoni ta' Louis Farrugia u ibnu Daniel, l-essenza tax-xiehda tagħhom b'rabta mal-involviment u l-imġieba tal-appellant kienet taqbel.

14. Għalkemm huwa minnu dak li jgħid l-appellant li Louis Farrugia u Daniel Farrugia ma laħqux raw lill-appellant jisraq oġġetti mobbli mill-fabbrika tagħhom, iċ-ċirkostanzi li fihom instab l-appellant fil-fabbrika tal-parte civile kienu ċirkostanzi inekwivoċi li juru li l-preżenza tal-appellant f'dik il-fabbrika kienet dik li jisraq effetti mobbli minnha.

15. Fil-fatt il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għar-raġunijiet spjegati minnha qieset li għalkemm probabbilment l-appellant kien ukoll involut fis-serq tal-effetti mobbli skont kif imsemmi fit-tieni imputazzjoni, hija ma qisietx li in bażi għall-provi prodotti setgħet ukoll issibu ħati tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet. Dan allura jfisser ukoll li l-Qorti tal-Maġistrati qieset li kien hemm indizzji ċari iżda mhux b'saħħithom biżżejjed biex fuqhom issawwar is-sejbien ta' ħtija fir-rigward tas-serqiet li kienu saru mill-fabbrika qabel id-9 ta' Mejju 2015. Dik il-Qorti sabet ukoll li l-Prosekuzzjoni ma resqitx prova

dwar ir-reċidivita tal-appellant u allura illiberatu wkoll mir-raba' imputazzjoni. Minn dawn il-konklużjonijiet ma sarx appell mill-Avukat Ġenerali biex b'hekk din il-Qorti ma tistax tidħol fl-analiżi tal-provi dwar jekk fil-fatt dawk il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienux legalment u raġonevolment korretti.

16. Biss jibqa' l-fatt li kwantu għall-ewwel imputazzjoni, meta din il-Qorti qieset il-provi kollha, inkluż il-fatt li l-appellant :

(a) ma kellu ebda rabta ma dik il-fabbrika li kienet tidher li għal xi żmien kienet magħluqa;
(b) ma kellux raġuni valida għaliex jidħol fiha;
(c) ġab raġuni li ma kienetx veritjiera in kwantu ma kien hemm ebda persuna li kienet waqgħet jew weġġgħet fil-fabbrika dak il-ħin li huwa instab fiha;
(d) daħal minn bieb li kien f'parti li ma kienetx daqstant tagħti fil-għajn;
(e) daħal billi għamel użu ta' ċavetta ta' katnazz li kien jixbah dak li kien hemm isakkar lil dak il-bieb u li kien imqiegħed mis-sidien tal-fabbrika iżda li ma kienx dak li kienu għamlu huma;
(f) instab liebes boiler suit u safety shoes kif ukoll fuq il-persuna tiegħu kellu tornavit;
(g) naqas milli jressaq provi li juru sal-grad tal-probabbli li huwa kien mar f'dawk l-akkwati biex jagħmel xogħol ta' tikħil;
(h) naqas ukoll milli jġib prova dwar il-persuni li allegatament kien iltaqa' magħhom jew li kellu jkellem in konnessjoni ma dan l-allegat xogħol li suppost kellu jagħmel;
(i) kien instab f'fond minn fejn matul dawk il-jiem u ġimgħat ta' qabel kien insterqu diversi oġġetti mobbli, kif ukoll kien hemm oħrajn li kienu ġew żmuntati u lesti sabiex jiġu trasportati l-barra mill-fabbrika,

din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment tikkonkludi li l-iskop għaliex l-appellant kien daħal f'dik il-fabbrika kien sabiex ikun jista' jwettaq serq ta' oġġetti mobbli li kienu jinstabu fiha u li huwa ma rnexxiex f'dan il-ħsieb biss minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta tiegħu.

17. Għalhekk l-aggravju dwar il-fatti tal-każ qiegħed jiġi miċħud.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-piena**

18. In kwantu għall-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati, huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005:

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle."
>
> Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed." This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

19. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal- aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell Kandemir u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti

kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l- appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti.

20. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil- prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal- piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli : a. għall-offiża in kwistjoni u b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati.

21. U dan mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-**sentenza Ir-Repubbblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

> Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirriżultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

22. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont

kif imsemmi fis-sentenza Butler tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

23. Illi f'dan il-każ, il-Qorti tal-Maġistrati sabet lill-appellant ħati tat-tentattiv tar-reat ta' serq kwalifikat bil-mezz u bil-valur li jeċċedi l-ammont ta' elfejn tliet mija disgħa u għoxrin euro sebgħa u tletin ċenteżmi (€2329.37). Il-parametri tal-piena preskritta għal din l-ewwel imputazzjoni huma ta' bejn tmintax -il xahar (18) u disa' (9) snin priġunerija għar-reat konsumat. Iżda f'dan il-każ is-sejbien ta' ħtija kien ta' tentattiv ta' reat, il-piena setgħet tiġi mnaqsa minn grad sa żewġ gradi u għalhekk il-piena kienet tonqos għal bejn tlettax il-xahar priġunerija u sitt snin priġunerija bi tnaqqis ta' grad wieħed; u bejn disa' xhur u ħames snin f'każ ta' tnaqqis ta' żewġ gradi.

24. Dan peress illi meta tiġi biex tiġi determinata l-piena għal reat kwalifikat bil-valur, l-ewwel trid tittieħed in konsiderazzjoni l-piena preskritta fl-artikolu 278 tal-Kodiċi Kriminali.

> 278.(1) Il-ħati ta' serq ikkwalifikat bil-"mezz" biss, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn ħames xhur sa tliet snin.
>
> (2) Jekk is-serq, barra milli bil-kwalifika tal-"mezz", ikun akkumpanjat ukoll b'waħda mill-kwalifiki l-oħra, iżda mhux dik tal-"vjolenza", il-piena fuq imsemmija ma tingħatax fil-minimum tagħha.

25. Allura jfisser li f'dan il-każ, ġaladarba minbarra l-kwalifika tal-mezz kienet ukoll imputata l-kwalifika tal-valur (iżda mhux il-kwalifika tal-vjolenza jew xi kwalifika oħra magħha) il-piena applikabbli kienet dik ta' ħames xhur sa tliet snin priġunerija, iżda li ma tingħatax fil-minimu tagħha. Dan allura jfisser li l-piena minima kellha tkun dik preskritta skont l-artikolu 20 tal-Kodiċi Kriminali fejn allura l-piena minima ma setgħetx tkun anqas minn għaxar xhur u disat ijiem priġunerija iżda fejn il-massimu ma setgħax jaqbeż it-tliet snin priġunerija.

26. Iżda imbagħad hemm ukoll l-artikolu 279(b) tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi li:

> 279.Il-ħati ta' serq ikkwalifikat bil-"valur" biss, jeħel -

> (b) jekk il-valur tal-ħaġa misruqa jkun iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), il-piena ta' priġunerija għal żmien minn tlettax-il xahar sa seba' snin:

27. Iżda f'dan il-każ ir-reat ma kienx kwalifikat bil-valur biss. Kien akkumpanjat ukoll bil-kwalifika tal-mezz. Verament li kif intwera l-piena tar-reat kwalifikat bil-mezz akkumpanjat bi kwalifika oħra li ma tkunx dik tal-vjolenza il-piena msemmija għar-reat kwalifikat bil-mezz ma tingħatax fil-minimum. Veru wkoll li dan l-artikolu 278(3) tal-Kodiċi Kriminali ma tagħmilx differenza jekk il-kwalifika msemmija hemmhekk tkunx il-kwalifika tal-valur jew le. Issemmi biss waħda mill-kwalifiki l-oħra li ma tkunx dik tal-vjolenza. B'hekk tindika li din il-piena preskritta fl-artikolu 278(3) tal-Kodiċi Kriminali tapplika wkoll għall-każ fejn is-serq ikun kwalifikat bil-mezz kif ukoll bil-valur.

28. Iżda mbagħad fl-artikolu 280 tal-Kodiċi Kriminali, il-Liġi tippreskrivi wkoll regola speċjali fejn ir-reat ta' serq ikun kwalifikat kemm bil-kwalifika tal-valur, kif ukoll bi kwalifiki oħra – u b'mod partikolari tippreskrivi żieda fil-piena speċifika meta s-serq ikun kwalifikat bil-vjolenza jew bil-mezz. L-artikolu 280(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid hekk:

> (2) Jekk is-serq, barra milli bil-kwalifika tal-"valur", ikun akkumpanjat ukoll bil-kwalifika tal-"vjolenza" jew tal-"mezz", jew bit-tnejn, għandha tingħata l-piena li hemm għas-serq akkumpanjat b'dawk il-kwalifiki:
>
> Iżda, jekk din il-piena tkun anqas mill-pieni msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, għandhom jingħataw dawn l-aħħar pieni miżjuda bi grad.

29. Mela meta barra mill-kwalifika tal-valur, is-serq ikun akkumpanjat ukoll bil-kwalifika tal-mezz, għandha tingħata l-piena applikabbli għas-serq kwalifikat bil-mezz. Allura f'dan il-każ ifisser li l-piena kellha tkun dik imsemmija iżjed il-fuq ta' bejn għaxar xhur u disat ijiem u tliet snin priġunerija.

30. Imma immedjatament din ir-regola hemm ukoll il-proviso li jgħid li jekk din il-piena tkun anqas mill-piena msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, għandhom jingħataw dawn l-aħħar pieni miżjuda bi grad. Issa l-kliem użat f'dan il-proviso fit-test Ingliż huwa

> Provided that, if such punishment be lower than the punishments laid down in the last preceding article, the latter punishments shall be applied with an increase of one degree.

31. L-interpretazzjoni li din il-Qorti tagħti għall-frażi "l-aħħar artikolu qabel dan" fl-artikolu 280 hija li, il-Liġi qegħda tirreferi għall-dawk il-pieni msemmija fl-artikolu 279 tal-Kodiċi Kriminali. F'każ ta' serq kwalifikat bil-valur u bil-mezz ma jagħmilx sens li l-Liġi tirreferi għall-artikolu 278 in kwantu qabel il-proviso, fil-każ ta' serq kwalifikat bil-valur u bil-mezz, il-Liġi kienet qegħda tgħid li għandha tingħata l-piena li hemm għas-serq kwalifikat bil-mezz skont kif allura msemmi fl-artikolu 278 tal-Kodiċi Kriminali.

32. Imma l-loġika wara l-artikolu 280 hija li f'ċerti ċirkostanzi jkun hemm żieda fil-piena meta jkun jirriżulta li s-serq huwa kwalifikat mhux biss bil-valur iżda bi kwalifiki meqjusa iżjed serji bħal ma huwa dawk tal-vjolenza u dak tal-mezz jew it-tnejn flimkien. U konsegwentement ma jkunx jagħmel sens li fil-każ fejn is-serq ikun kwalifikat bil-mezz u bil-valur tingħata piena anqas minn meta s-serq ikun kwalifikat bil-valur biss:

33. Jekk is-serq ikun kwalifikat bil-mezz u bil-valur, skont l-artikolu 278(3) il-piena intwera li trid tkun dik ta' priġunerija bejn għaxar xhur u disat ijiem u tliet snin. Imma mbagħad fl-artikolu 279(b) tal-Kodiċi jirriżulta li jekk is-serq ikun kwalifikat biss bil-valur li jaqbeż l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), il-piena tkun dik ta' priġunerija għal żmien minn tlettax-il xahar sa seba' snin. Fil-fehma ta' din il-Qorti ma jagħmilx sens allura li serq kwalifikat bil-mezz u l-valur flimkien jingħata piena li tkun anqas minn dik stabbilita fl-artikolu 279(b) tal-Kodiċi Kriminali għal meta s-serq ikun kwalifikat bil-valur biss.

34. Allura minħabba f'hekk, il-proviso għall-artikolu 280(2) tal-Kodiċi Kriminali ġaladarba il-piena għas-serq kwalifikat bil-mezz u bil-valur skont l-artikolu 278(3) tal-Kodiċi Kriminali hija anqas mill-piena msemmija "fl-aħħar artikolu qabel dan" – u allura l-piena msemmija fl-artikolu 279(b) tal-Kodiċi Kriminali, għandhom jingħataw dawn l-aħħar pieni – iġifieri l-pieni msemmija fl-artikolu 279 – miżjuda bi grad.

35. Konsegwentement meta s-serq ikun kwalifikat bil-mezz u bil-valur li jaqbeż l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u

tletin ċenteżmu (€2,329.37) skont il-formula preskritta fl-Artikoli 278(3), 279(b) u 280(2) u l-proviso li immedjatament isegwih moqrija flimkien, għandha tittieħed dik il-piena preskritta fl-Artikolu 279(b) tal-Kodiċi Kriminali - dik ta' priġunerija ta' bejn tlettax (13) -il xahar u seba' (7) snin – miżjuda bi grad skont dak li jippreskrivi l-Artikolu 31 tal-Kodiċi Kriminali - u allura l-piena ta' bejn tmintax -il xahar (18) u disa' (9) snin priġunerija.

36. B'hekk allura f'dan il-każ, il-piena li għandha tingħata għar-reat ta' tentattiv ta' serq kwalifikat bil-mezz u valur li jaqbeż l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għandu jkun dak bejn tlettax (13) il-xahar priġunerija u sitt (6) snin priġunerija bi tnaqqis ta' grad wieħed jew u bejn disa' (9) xhur u (5) ħames snin f'każ ta' tnaqqis ta' żewġ gradi.

37. Il-piena ta' sitta u erbgħin xahar priġunerija għalhekk kienet piena li kwalitativament u kwantitativament kienet taqa' fil-parametri tal-pieni preskritti għal dan ir-reat. B'hekk ma hemm xejn li din il-Qorti tista' tiċċensura lil Qorti tal-Maġistrati (Malta) dwarha meta erogat dik il-piena.

38. Issa fil-mori tal-appell quddiem din il-Qorti l-appellant SPITERI ressaq talba sabiex din il-Qorti tikkonverti ruħha f'Qorti dwar id-Droga ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta. Għal dan il-għan instemgħu x-xhieda tal-Uffiċjal tal-Probation Joanna Farrugia u lil Dr. Roberta Holland. Din it-talba ġiet milqugħa permezz ta' digriet datat 30 ta' Ġunju 2020.

39. Permezz ta' nota iffirmata minn Dr. Noel Camilleri datata 5 ta' Lulju 2022 il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga irraporta lura b'mod pożittiv fejn ġie dikjarat li l-każ tal-appellant SPITERI ġie magħluq b'suċċess.

40. Dan ikun ifisser li, ġaladarba ġie pruvat li, sal-grad ta' bilanċ tal-probabilitajiet li r-reat li dwaru l-persuna akkużata nstabet ħatja kien prinċipalment attribiwibbli għad-dipendenza tagħha fuq id-droga, l-appellant SPITERI jikkwalifika għall-applikazzjoni tas-subinċiżi (7) u (8) tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta. Skont is-subinċiż (7) tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, f'każ ta' sejbien ta' ħtija għar-reati lilu addebitati, jew f'dan l-istadju, f'każ fejn din il-Qorti tikkonferma d-deċiżjoni ta' sejbien ta' ħtija tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), hija tkun tista' ma timponix il-

piena mandatorja ta' priġunerija effettiva u minflok timponi piena alternattiva taħt il-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta jew piena karċerarja b'effetti sospiżi ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

41. Ġjaladarba din il-Qorti issa assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u fid-dawl tar-rakkomondazzjonijiet tal-Bord kif ingħad, dan l-aggravju tal-appellant konċernanti l-piena inflitta jistħoqqlu li jintlaqa' mhux daqstant għaliex il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet żbaljata fil-piena mogħtija, iżda għaliex bl-għeluq tal-perkors rijabilitattiv b'suċċess, din il-Qorti tqis li, minkejja li r-responsabilita penali tal-appellant tibqa' mhix mittiefsa, mill-banda l-oħra hemm lok li l-appellant ikun inċentivat sabiex jipprova jkompli miexi l-bogħod mill-vizzju tal-abbuż tad-droga u mill-ħajja kriminoġenika li dan l-istil ta' ħajja bosta drabi jġib miegħu.

42. B'hekk bl-applikazzjoni tal-Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u l-proviso tal-istess sub-artikolu, din il-Qorti mhix sejra tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija hekk kif lanqas sejra teskludi l-applikazzjoni tas-sospensjoni tat-terminu ta' priġunerija jew tal-applikazzjoni ta' ordni ta' probation.

# Deċide

**Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan l-appell billi wara li rat l-Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, tilqa' l-appell interpost u tgħaddi sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tibdilha biss f'dik il-parti konċernanti l-piena inflitta billi tħassarha f'dik il-parti fejn imponiet sitta u erbgħin xahar priġunerija u minflok tikkundannah għall-piena ta'** <u>priġunerija għal żmien sentejn u li bis-saħħa tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali ġew sospiżi għal perjodu t'erba' snin.</u> **Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti spjegat bi kliem li jinftiehem lill-ħati r-responsabbilita tiegħu mnissla mill-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali fil-każ li huwa jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza u Inoltre, wara li rat l-Artikolu 28G(1) tal-Kodiċi Kriminali qegħda b'żieda mal-piena aktar il-fuq inflitta tagħmel ordni ta' superviżjoni (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ordni ta' superviżjoni") li permezz tagħha tqiegħed lill-ħati taħt is-superviżjoni t'uffiċjal**

**sorveljanti għal perijodu ta' erba' snin millum. Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' superviżjoni kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li tagħmel reat ieħor matul il-perjodu operattiv tas-sentenza mogħtija lilu illum nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi. Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' superviżjoni bid-digrieti ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Uffiċjal Sorveljanti biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħati. L-Uffiċjal Sorveljanti assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur.**

**In oltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 8(8) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta tordna illi dawn ir-reati m'għandhomx jitqies għall-finijiet tal-ħruġ taċ-ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta, Kapitolu 77 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Altrimenti, safejn mhux mibdul b'din is-sentenza, il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.**

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**

**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**ORDNI TA' SUPERVIŻJONI**
(MAGĦMUL SKONT L-ARTIKOLU 28G TAL-KODIĊI KRIMINALI)
**Onor. Imħallef Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)**

**Illum: 5 ta' Diċembru 2023**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Charles SPITERI**

Il-Qorti,

Billi b'sentenza mogħtija llum fl-ismijiet premessi, **Charles SPITERI** detentur tal-karta tal-identita' numru 2074M u residenti 45, Triq Santa Maria, Cospicua ġie misjub ħati kif imfisser fl-istess sentenza u wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Superviżjoni l-ħati ġie mpoġġi taħt Ordni ta' Superviżjoni ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9).

Wara li fissret lill-ħati bi kliem ċar l-effett ta' din l-Ordni ta' Superviżjoni (inklużi l-kondizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taħt skont s-subartikolu (3) tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446) u nnutat li l-istess ħati wera li jrid iħares il-ħtiġiet tal-istess Ordni;

**Tordna** li **Charles SPITERI** detentur tal-karta tal-identita' numru 2074M u residenti 45, Triq Santa Maria, Cospicua jkun għal perjodu ta' erba' snin millum taħt is-sorveljanza ta' Uffiċjal ta' Supervizjoni taħt dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul dan il-perjodu, il-ħati jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi <u>kollha</u> tal-Uffiċjal Sorveljanti kif ukoll, jekk ikun il-każ, biex il-ħati jieħu l-counselling li jista' jkun meħtieg minn żmien

għal żmien sabiex jevita, fost affarijiet oħra li jerġa jikkommetti reati fil-ġejjieni.

2. Li l-ħati jibqa' f'kuntatt mal-Uffiċjal Sorveljanti skont dawk l-istruzzjonijiet li jista' minn żmien għal żmien jingħata mill-imsemmi Uffiċjal, u li javża lill-imsemmi uffiċjal b'kull tibdil fl-indirizz tiegħu;
3. Li jirċievi viżiti mill-Uffiċjal Sorveljanti ġewwa r-residenza tiegħu jew f'kull post ieħor li jiffrekwenta skont id-direttivi tal-istess Uffiċjal Sorveljanti;
4. L-Uffiċjal Sorveljanti għandu/ha jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti mhux anqas minn darba kull sitt xhur dwar l-imġieba tal-ħati.
5. Il-ħati għandu joqgħod għal dawk id-direttivi jew ordnijiet kollha mogħtiha lilu mill-Uffiċjal Sorveljanti fir-rigward ta' kwalunkwe test jew analiżi li l-istess Uffiċjal iħoss li jkunu meħtieġa, inkluż testijiet tal-urina u testijiet oħra u kif ukoll li l-appellat għandu jsegwi u joqgħod għal dawk il-programmi u trattamenti li l-istess Uffiċjal jista' jippreskrivi lill-ħati minn żmien għal żmien.

**TORDNA** li kopja ta' dan l-Ordni tingħata lil ħati u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u lill-Uffiċjal Sorveljanti.

……………………………………
**Charles SPITERI**

……………………………………..
Christianne Borg,
**Deputat Registratur**

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**